TRIBUNAL GĦAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/193/11/S

Clementa Bartolo

Vs

Unicare Limited

Illum 4 ta' Jannar, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Clementa Bartolo ppreżentata fis-16 t'April, 2011 u r-risposta tas-soċjetá Unicare Limited datata 29 ta'Mejju,2011;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom;

Illi jingħad li din is-sentenza ma ingħatatx fil-15 ta' Diċembru, 2011 minħabba li l-'file' ma kienx ingħata lill-Arbitru għad-deċizjoni tiegħu;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'wheelchair' u partikolarment marru l-'pistons' tal-istess 'wheelchair';

Illi jingħad mal-ewwel li jista' jkun perikoluż li torbot partijiet mill-'wheelchair' bil-mod kif jidhru fir-ritratti annessi u mmarkati bhala Dok A;

Illi d-difiża tas-soċjeta intimata tikkonċentra ruħha fuq li saħħet il-pazjent tjiebet u għalhekk skont l-istess soċjetá, għandu bżonn ta' "wheelchair" iktar sod;

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-'pistons' tal-'wheelchair' marru tlitt darbiet u skont is-soċjetá intimata, dawn marru bil-moviment tal-pazjent;

Illi ma ġiex ippruvat ebda użu ħażin daparti tar-raġel tar-rikorrenti għalkemm ġiet indikata fir-risposta tas-soċjetá intimata;

Illi biex mar tlitt darbiet, dan il-'wheelchair' żgur li għandu xi ħaġa ħażina speċjalment meta dan qed imur mill-istess post;

Illi jidher ċar li s-soċjetá intimata kellha tagħmel dak kollu neċessarju biex il-'wheelchair' ikun jista' jintuża' sew u forsi setgħet issaħħaħ l-istess jew tibdlu mal-ewwel;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti Clementa Bartolo u Jordna lis-soċjetá Unicare Limited tirranġa l-'wheelchair' billi *inter alia* tibdel il-'pistons' u ssaħħaħ id-dahar tal-istess, bl-ispejjeż tal-partijiet ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mis-soċjetá intimata.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEFON (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888